**L-NCPE mħassba ħafna dwar l-allegati aggressjonijiet fuq persuni ta' nazzjonalità barranija minn uffiċjali tal-pulizija**

Il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (NCPE) tesprimi t-tħassib serju tagħha dwar il-fatt li tliet uffiċjali tal-pulizija jinsabu akkużati bil-ħtif ta' u l-aggressjoni fuq persuni ta' nazzjonalità barranija. Jidher li l-allegati vittmi ntgħażlu mill-allegati aggressuri minħabba l-kulur tal-ġilda u n-nazzjonalità tagħhom.

L-NCPE tagħraf li l-Korp tal-Pulizija ħa azzjoni immedjata wara li rċieva rapporti dwar dan l-abbuż u tinnota wkoll ir-riformi li seħħew fil-Korp sabiex jipprevjenu u jindirizzaw imġiba ta' dan it-tip. Dawn l-inċidenti mhumiex biss kundannabbli fihom innifishom iżda jtappnu wkoll ir-reputazzjoni tal-Korp tal-Pulizija kollu kemm hu.

L-NCPE tisħaq li każijiet ta' vjolenza razzista, kull fejn isiru, qatt ma huma inċidenti iżolati iżda marbuta ma' kuntest ta' inugwaljanza soċjali u mġiba ta' mibgħeda normalizzata. Il-każij+iet kollha ta' razziżmu, diskriminazzjoni u intolleranza huma theddida għas-soċjetà demokratika u għalhekk għandhom jiġu indirizzati bl-ikbar serjetà. L-NCPE ssejjaħ lill-istituzzjonijiet pubbliċi sabiex janalizzaw l-istrutturi tagħhom bil-għan li jidentifikaw razziżmu sistemiku u jieħdu l-azzjonijiet meħtieġa sabiex jiżguraw li l-gruppi soċjali kollha f'Malta jkunu meqjusa u trattati bħala membri ugwali tas-soċjetà Maltija. Persuni fl-isfera pubblika għandhom ukoll ir-responsabbiltà li jippromwovu l-valuri tal-ugwaljanza u l-inklużjoni soċjali, u ma jxerrdux ostilità lejn gruppi abbażi tan-nazzjonalità jew il-kulur tal-ġilda tagħhom.

**12 ta' Ottubru 2022**